KLR 32/VII/2015

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2015 f'nofsinhar.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard, il-Perit Edward Scerri u l-*Porject Administrator* William Sultana.

SKUŻAT:- il-membri Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa.

Intqalet talba.

## 1. ERDF 249 - Pjazza Indipendenza - Pendenzi - Festa Esterna San Ġorġ

Is-Sindku spjega fid-dettall is-sitwazzjoni kif inhi rigward ix-xogħol li għad baqa' jsir fi Pjazza Indipendenza. Kieku x-xogħol baqa' miexi kif suppost kien ikun lest għall-bidu ta' Ġunju 2015. Il-kwistjoni tirrigwardja il-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd u l-kumpanijia li qed tissupplixxilu l-madum, Gozo Concrete Products Ltd. Din ta' l-aħħar qed tgħid li l-Kunsill ordna aktar madum minn kemm għandu bżonn. Dan mhux minnu u la l-Kunsill u lanqas Gatt Tarmac Ltd ma ordnaw ammont sostanzjali aktar ta' materjal. Il-Perit ikkonferma dan aktar tard f'din il-laqgħa. Il-Kunsill marbut iħallas dak li hemm fil-kuntratt. Is-Sindku tenna li l-Kunsill kien ġentlom biżżejjed li t-toroq ta' wara u maġenb il-Banca saru bil-granit li minnu ġie ordnat iż-żejjed mill-kumpanijia li tissupplixxi l-materjal. Dawn il-paritjiet kellhom isiru bil-profido.

It-tpoġġija tal-madum ta' Pjazza Indipendenza inbeda l-għada li s-Sindku bagħat ittra lill-Gatt Tarmac Ltd. Il-Kunsill qed ibgħati l-konsegewenzi ntortament fuq żball ta' kumpanija li m'għandiex x'taqsam mal-Kunsill fir-rigward ta' provediment ta' materjal. Il-multi jistgħu isiru biss fil-konfront ta' Gatt Tarmac Ltd.

Is-Sindku kompla jispjega rigward il-fatt li qorbu l-festi. Għarraf lill-preżenti li saret laqgħa fil-post bejn rappreżentanti ta' Gatt Tarmac Ltd, tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella u William Sultana. L-aħjar proposta li ħarġet hi li jinqala' l-madum li laħaq tpoġġa, l-konok tas-siġar jimtlew biż-żrar u fejn hemm periklu jimtela b'konkos provisorju (*lean mix*) sabiex jitneħħa l-periklu kollu. Il-membri qablu li la l-aħjar soluzzjoni temporanja sakemm jagħddu l-festi hi din, għandu allura jsir hekk. Qablu wkoll li tinħareġ stqarrija għall-istampa li tispjega dan kollu.

Il-Perit ġie mistoqsi rigward it-toqob li għandu l-materjal li ser jintuża għall-Pjazza Indipendenza. Hu spjega li dan il-materjal normali li jkollu xi ftit toqob u dawn jimtlew bil-*grouting*, pero' li jkollhom toqob mdaqqsa mhux ser jitpoġġew. Il-Perit aċċerta lill-preżenti li l-madum hu b'saħħtu minħabba l-ħxuna li fih. Żied jgħid ukoll li jaqbel mad-deċiżjoni li l-madum li tpoġġa jinqala minħabba l-fatt li jekk Gatt Tarmac Ltd iġġib materjal minn kumpanija oħra dan jista ma jkunx jaqbel. Il-Perit spjega wkoll rigward l-ammont ta' materjal ordnat. Jidher ċar li mhux minnu li la l-Kunsill u lanqas il-Perit ma ordna ammont żejjed. Dan joħroġ kemm mis-*survey* li Gatt Tarmac Ltd għamel qabel inbeda l-proġett u kemm mid-dettalji tal-offerta.

L-*Project Administrator* spjega li l-PPCD infuramti b'dan kollu u ser jagħtu estensjoni sabiex jitlesta x-xogħol sa l-aħħar ta' Settembru 2015, bil-kundizzjoni li jiġu applikati l-multi neċessarji fuq Gatt Tarmac Ltd.

Mario Gatt, rappreżentant ta' Gatt Tarmac Ltd u l-Perit tal-kumpanija tiegħu ġew mistiedna jidħlu fil-kamra sakemm titkompla d-diskussjoni fuq dan is-suġett. Mario Gatt spjega minn naħħa tiegħu u tenna li Gatt Tarmac Ltd qed tesplora l-possibilitajiet kollha anke' li jinbidel il-forniutr tal-materjal.

**2. Korrispondenza u Materji oħra**

2.1 Tressqet korrispondenza mingħand is-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella fejn qajjem il-punt rigward it-tiġrijiet taż-żwiemel fil-ġimgħa tal-festa ta' San Ġorġ. Billi l-wiċċ tat-triq 'il fuq mill-Knisja ta' San Ġakbu sa Pjazza Savina inksiet bil-porfido ma jippermettix li ż-żwiemel inkunu jistgħu jimxu fuqu. Ġie suġġerit li din tista' tissolva billi jintefa trab apposta fuq il-wiċċ tat-triq u dan bi stima ta' €4,500. Għal dan l-ammont qed issir talba lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb dan ix-xogħol. Billi l-Kunsill m'għandux fondi għal dan ix-xogħol u billi ġie deċiż li ma jsirux aktar *commitments*, din it-talba ma ġietx aċċettata.

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kontijiet ċertifikat mill-Perit rigward ir-restawr ta' tlett niċċeċ, dik ta' Santa Marija fi Triq Santa Marija, ta' San Franġisk f'salib it-toroq u tal-Bon Kunsill fi Triq Sant' Ursola. L-ammont totali hu ta' €9,394.57. Dan ġie approvat għall-pagament.

2.3 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li d-dokument tal-offerta għax-xogħol tal-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone tlesta. Dan għandu jinħareġ suġġett għall-kull permess neċessarju.

2.4 Tressqet korrispondenza mingħand Jason Axiak li talab sabiex ikun jista' jarma bi trukk li jbiegħ il-ġelat fil-parkeġġ ta' biswit *Arkadia Shopping Complex*. Billi r-Rabat hu sensittiv għall-parkeġġ provdut għall-pubbliku in ġenerali, hi proċedura tal-Kunsill li permessi simili jinħarġu biss fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* fil-ġranet tal-*weekend* biss inkluż il-Ġimgħa filgħaxija.

Il-laqgħa spiċċat fis-13.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |